# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-27 t'Ottubru, 2016

Appell Nru: 220/2014

**Il-Pulizja**

**Spettur Jurgen Vella**

**Vs**

**Alfred Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Alfred Caruana detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 507265M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta' April 2010 ghal habta ta' xi 7.15am waqt li kien fi Triq Hal Luqa, Paola:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Brian Avellino, minn Marsascala f'perikolu car, ikkagunalu ferita gravi fil-gisem jew fis-sahha skond kif iccertifika Dr.Mario Scerri M.D – bi ksur tal-Artikolu 214 tal-Kap 9;

2. Ikkagunalu debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gablu difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem – bi ksur tal-Artikolu 217 u 218 tal-Kap 9;

3. Bil-hsieb li jtellfu jew inaqqaslu l-gieh weggghu bi kliem, b'gesti jew b'mod iehor – bi ksur ta' l-Artikolu 252(1) tal-Kap 9;

4. Volontarjament kiser l-paci pubblika b'ghajjat u glied – bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9;

5. Hebb ghall-imsemmi Brian Avellino sabiex jinsulentah, jweggghu jew jaghmillu hsara – bi ksur tal-Artikolu 338(d) tal-Kap 9;

6. Bil-kliem insulenta u hedded lill-imsemmi Brian Avellino – bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kap 9;

Il-Qorti kienet mitluba li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Brian Avellino u l-familjari tieghu u tapplika l-provvediment ta' l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-14 ta' Mejju, 2014, li biha wara nnutat illi fir-rinviju ghal gudizzju l-Avukat Generali ma kienx indika l-artikoli dwar it-tieni imputazzjoni kif ukoll li it-tielet, r-raba, l-hames u s-sitt imputazzjonijiet kienu preskritti u ghalhekk wara li rat l-Artikoli 214 u 216(1)(b) tal-Kap 9 sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' tlett xhur prigunerija sospizi ghall-sena bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alfred Caruana, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-26 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu talab lil din l-Onorabbli Qorti **tvarja u timmodifika** s-sentenza appellata, billi **thassarha u tirrevokha** in kwantu sabitu hati tal-akkuzi [recte: imputazzjoni] fuq imsemmija jew li ma ssibux hati ta' ferita gravi izda ferita hafifa u tikkonfermha in kwantu illiberatu mill-akkuzi l-ohra kollha u jekk okkorrendo jkun il-kaz allura tilliberah minn kull piena u imputazzjoni u fin-nuqqas li taghmel dan, **tvarja l-piena** ghal wahda inqas severa minn dik inflitta u li tirrifletti c-cirkostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi riepilogati l-fatti ta' dan il-kaz jemergi illi Brian Avellino, allura ghaddej bil-vettura tieghu kien waqaf sabiex jigbor kollega tax-xoghol tieghu u f'dak il-hin gie fuqu persuna, allura l-appellant li kien qed isuq mutur, rrimarkalu li kien ghadu kemm ghamel manuvra perikoluza fit-triq li konsegwenza taghha kienet ser issehh kollizzjoni bejnithom. L-appellant *ex admissis* kien ghajjar lill-Avellino "hanzir" u f'dak il-hin, Avellino ried johrog mill-vettura tieghu meta l-appellant zammlu l-bieba, dahhal idejh mit-tieqa u zamm ras Avellino li kellu nuccali qed jistrieh fuq il-parti frontali ta' rasu (forhead). Avellino innota li kien sofra offiza fuq wiccu konsistenti f'qasma u rrikorra ghal-ghajnuna ta' tabib li xaharejn wara rrilaxxja certifikat li jindika "*cikattrici fuq in-naha tax-xellug tal-mohh (forhead) li tista' tibqa' bhala marka permanenti u vizibbli minn talking distance*";

2. L-appell odjern jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, dik tal-offiza gravi fuq il-persuna ta' Brian Avellino stante illi fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra l-appellant kien illiberat. L-appellant jikkwerela s-sejbien ta' htija dwar ferita [*recte*: offiza] gravi kif ukoll li qatt ma seta' jinstab hati tar-reat ravvizat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9 meta huwa qatt ma kien imputat bih;

3. L-aggravju tal-appellant huwa maqsum f'zewg partijiet. Jibda biex jinghad illi dak espost mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, igifieri li dawn il-proceduri inizzjaw bhala proceduri sommarji u li kien esebit certifikat mediku riskontranti ferita ta' natura hafifa, ma jirrizultax mill-atti processwali. Jizdied ma dan illi fir-rinviju ghal-gudizzju, l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija, *inter alia,* tal-

offiza ravvizata fl-artikoli 214 u 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Dan jirrizulta min-nota tas-26 ta' Frar 2013 a fol 68 tal-atti processwali li jfisser illi l-Avukat Generali kien irrinunzja ghall-wahda mill-imputazzjonijiet originali senjatament dik dwar ir-reat raffigurat fl-artikolu 217 u 218 tal-Kodici Kriminali;

4. Meta fin-nota ta' rinviju ghal-gudizzju fit-termini tal-artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali l-Avukat Generali jindika artikoli tal-ligi li jikkorrispondu ghal-anqas reati minn dawk originarjament dedotti fl-inizzju tal-proceduri, ifisser illi jkun qieghed jirtira reat jew reati mill-imputazzjoni originali. Meta allura l-Qorti tal-Magistrati tkun akkwistat dik il-kompetenza bil-kunsens tal-imputat, dik il-Qorti tkun tista' tikkunsidra <u>biss</u> dawk ir-reati indikati fir-rinviju, hlief naturalment ghal-reati ta' natura konnessa, bhall-attentat jew komplicita' f'dak ir-reat, jew reat anqas gravi (ara in rigward u per ezemplari s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Carter App Krim 7.12.2001**). B'hekk l-Avukat Generali jista' ukoll, fir-rinviju tieghu, izid imputazzjonijet li dwarhom jidhirlu li tista' tinstab htija **<u>basta</u>** pero' li jkunu nstemghu provi in rigward fil-kumpilazzjoni. Issa, meta l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha nnotat illi skond ir-rinviju ghal-gudizzju l-imputat kellu jwiegeb ghar-reati hemm imemmija, dik il-Qorti kienet effettivament elenkat l-imputazzjonijiet kontra l-appellant li dwarhom kellha tikkontempla w ssib htija jew tillibera skond il-kaz, kif fil-fatt ghamlet. L-ewwel aggravju tal-appellant ghalhekk qed ikun michud;

5. Ukoll minn ezami tal-atti jirrizulta b'mod univoku illi fil-hin tal-incident, anke jekk kien ta' ftit sekondi, l-appellant kien ghafas il-parti frontali ta' ras il-kwerelant li dak il-hin kellu nuccali qed jistrieh fuq rasu u dan l-agir kkawza offiza. Dan huwa korroborat mix-xhieda tal-passiggier tal-kwerelant u ammess ukoll mill-istess appellant li xehed illi wara li rrimarka lill-Avellino ghal mod kif kien saq, dan ried jinzel ghalih izda l-passiggier zammu u hu, igifieri l-appellant, zammu minn wiccu meta kien liebes nuccali. Issa l-appellant jargumenta illi l-vittma ma sofrietx offizi fit-termini tal-artikolu 214, 216(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif jinghad fis-sentenza appellata. Dwar din il-parti tal-

ewwel aggravju tajjeb li ssir referenza ghac-certifkat mediku rilaxxjat minn Dr. Mario Scerri fit-22 ta' Gunju 2010, igifieri xahrejn wara l-incident fejn jiddikjara li wara li **rega** ezamina lill-kwerelant kien tal-fehma illi l-ferita " *tista' tibqa' bhala marka permanenti u visibbli minn talking distance*". Dr. Scerri kien ezamina lill-kwerelant dakinhar tal-incident u fid-deposizzjoni tieghu sentejn wara, dik tat-12 t'April 2012, Dr. Scerri jghid hekk: *"Naf li din ic-cikattrici ghadha prezenti pero' mhux daqshekk konspikwa minn talking distance" (fol 36);*

6. L-artikolu 216 (1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi l-offiza fuq il-persuna hija gravi, jekk, *inter alia* skond is-subartikolu (b) iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz. Tajjeb li in rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, **Il-Pulizija vs Desmond Falzon**, li ccitat b'approvazzjoni s-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, fejn kien ritenut hekk:

> **B'mankament ... fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci *notevole o complessivo, o per l-entitia' della aterazjoni stess, o per l-espressione d'assieme del volto*" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik li 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija vs Emily Zarb App Krim. 15/2/58, Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta l-posizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici necessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm semplici skolorament tal-gilda. Anke skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens**

**spjegat. Kollox jiddependi mill-entita' tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment, dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc.**

7. Din is-sentenza llustrat ukoll id-differenza bejn mankament u sfregju fit-termini tal-artikolu 216(1)(b) billi rritjeniet illi fejn daqqa fil-wicc iggib nefha wiehed ikun jista' jitkellem dwar mankament anke jekk tali nefha tghaddi wara ftit jiem. L-istess principju ser ikun diskuss fil-konsiderazzjonijiet li jsegwu f'din is-sentenza;

8. Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "**tista**" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita', ossia dak l-element, jirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a) jekk l-offiza **tista** ggib periklu tal-hajja, ta' debulizza permanenti fis-sahha, ta' difett permanenti jew ta' marda permanenti tal-mohh, ukoll fl-artikolu 218 meta jipprovdi li d-debulizza fis-sahha, l-marda fil-mohh, l-isfregju gravi jew id-difett "**jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk**". Sabiex tkun skontrata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b), dak addebitat lill-appellant, huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward;

9. Fis-sistema legali taghna, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghal-esposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia** fejn oltre s-

sentenza citata saret referenza ghal-diversi sentenzi ohra fosthom dik **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich** tat-2 ta' Settembru 1999 kien ritenut hekk:

> **Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsemmija 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita') ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali".**

Dik is-sentenza ccitat ukoll dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli** tat-12 ta' Settembru 1996 fejn intqal hekk:

> **L-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dan il-mankament jew sfregju jkun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet, gimghat jew xhur. Jekk imbaghad, l-isfregju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b) ... L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeciedi jekk offiza ggibx sfregju fil-wicc o meno jrid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga' nghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju.**

10. Dwar din l-offiza, l-ewwel Qorti "kkonstatat *icto oculi* dak li xehed it-tabib Mario Scerri li l-marka fuq wicc l-kwerelant kienet visibbli biss minn talking distance u ma tistax pero' tinjora l-fatt li skond l-imsemmi tabib tista' tibqa' permanenti". Din il-Qorti kellha l-opportunita' li tara *de visu* l-offiza li minnha jilmenta l-kwerelant u fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2016 kienet konstatata cikkatrici zghira ezatt fin-nofs tal-parti frontali ta' wicc il-kwerelant minn *talking distance.* Din il-Qorti izda tistqarr li kellha tistaqsi lill-kwerelant jindika fejn kienet ic-cikkatrici u dan peress illi ma kienitx daqshekk vizibbli. Dan izda wahdu ma jtellef xejn mill-element materjali tar-reat ravvizat fl-artikolu 216(1)(b) anzi jassoda dak li l-ewwel Qorti kkonstatat bhala offiza fuq il-fronti tal-kwerelant. Il-fatt li llum l-ferita ma tantx baqghet daqshekk vizibbli ma jfissirx li l-kwerelant ma sofriex sfregju fid-data tal-incident. Ifisser, ghall-kuntrarju, illi dakinhar l-kwerelant kien verament sofra sfregju kif konfermat mit-tabib li kkurah u li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha meta sabet htija fl-appellant;

11. L-appellant jargumenta ukoll illi dan l-incident kien provokat " *kemm minhabba s-sewqan tal-vittma leza u anke il-mod kif gabet ruhha mal-esponent, li wara kollox kien il-persuna li kellu ghalfejn jipprotesta*". L-element tal-provokazzjoni ma ghandu l-ebda applikabilita' fil-kwistjoni hawn devoluta la darba kien l-appellant li kkonfronta lill-kwerelant ghall-allegat sewqan perikoluz tieghu, liema kwerelant waqaf b'kumbinazzjoni biex irikkeb lill-kollega tieghu u ma ghamel xejn biex iqanqal fl-appellant reazzjoni li kienet timmerita li tkun konsiderata bhala provokazzjoni. B'dan il-gravami, l-Qorti tifhem illi skond l-appellant, l-ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni d-difiza tal-provokazzjoni ingusta ghal fini ta' diminuzzjoni fil-piena. Naturalment dan huwa possibbli bis-sahha tal-artikolu 230 tal-Kodici Kriminali. Madankollu, l-artikolu 235 jipprovdi illi l-provokazzjoni ma tiswiex lill-hati meta din ma tkunx saret fil-waqt tal-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Id-difiza tal-appellant hija minnufih destinata li tfalli u dan ghal diversi ragunijiet. Ma ngiebet l-ebda prova illi l-kwerelant

volontarjament saq b'mod perikoluz jew negligenti, jekk veru sehh hekk, bl-intenzjoni li jaghmel offizi fuq l-appellant. Il-kwerelant ma waqqafx il-vettura tieghu ghal xi sodisfazzjon li l-appellant seta interpreta bhala affront dirett lejn il-persuna tieghu, ghad illi seta facilment jevita dik ic-cirkostanza billi kompla fi trieqtu u ghamel rapport mal-Pulizija dwar l-allegat sewqan tal-kwerelant. Il-kwerelant waqqaf il-vettura tieghu biex itella lill-kollega tieghu minn dik it-triq u kien biss l-appellant li meta allura kellu z-zmien kollu jipparkja l-mutur tieghu, imur fuq il-kwerelant u jhabbattlu mal-hgiega u li wara li l-kwerelant ma semghux u nizzel il-hgiega, ghajru hanzir u dahhal idu fil-vettura u rasslu n-nuccali mal-fronti tieghu. Apparti l-fatt li kien l-appellant li ta bidu ghal dan l-incident, xorta wahda ma rrizultatx il-kontemporanjeta' msemmija fl-artikolu 235. L-appellant, ghalkemm ma jikwalifikax ghal-liema stadju qed jalludi li sehhet il-provokazzjoni, igifieri bl-allegat sewqan perikoluz tal-kwerelant jew bir-rejazzjoni tal-kwerelant ghall-mod kif indirizzah, fl-ebda wahda minn dawn iz-zewg cirkostanzi ma ghandu ragun u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

12. L-ahhar gravami tal-appellant jitratta dwar il-piena kominata mill-ewwel Qorti u jghid illi "[fil-kaz li] *l-aggravji msemmija m'ghandhomx jigu milqugha minn din l-Onorabbli Qorti ghall-fatt li dan kien l-ewwel reat tal-esponent, ghandu fedina penali netta u di piu ikkopera mal-ewwel mal-Pulizija, u ghalhekk il-piena kellha tkun inqas severa minn dik inflitta*". Dwar dan irid jinghad illi jekk bil-kelma "netta" l-appellant ried ifisser "nadifa", allura dan mhu minnu xejn. Il-piena kominata mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi u ma hemm xejn li jindika li din kienet aktar minn dik provduta fil-ligi, anzi hija l-mininu tal-piena kontemplata fl-artikolu 216(1)(b). Certament l-appellant mhux *first offender* anke fejn jirrigwarda hebb u kagun ta' offizi fuq il-persuni u stante li jidher li ma bbenefika xejn mill-applikazzjoni tal-Kap 446 fil-konfront tieghu fil-passat u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghal xi temperament fil-piena;

13. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud. Il-Qorti ghaddiet biex tispjega l-obbligi tieghu fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 naxxenti mill-konferma tas-sentenza appellata.